**17 ta' Mejju, 1963.**

**Imhallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E. C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D**

Romeo Fleri

*versus*

Nutar Francis Xavier Dingli

**Mandat Taċitu — Avukat, Mandat ta'.**

*Il-mandat jista jkun anki taċitu, pero element essenzzjali tal-mandat taċitu hi x-xjenza u l-konsapevolezza tas-suppost mandat li affari li tinteressah ġiet intrapriża minn ħaddieħor. Il-kompless tal-fatti jrid ikun tali li minn jagħmel il-ħaġa għal ħaddieħor jista jippresumi raġonevolment li rċeva l-inkariku minn għandu.*

*L-avukat għandu jitqies li hu mandatarju tal-klient tiegħu għall-attijiet tal-kawża; pero l-Avukat ma jistgħax jiftiehem jew jintrabat għalih biex jittransiġi mingħajr mandat espress u speċjali tal-klijent.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti kollha opporutni, premess illi l-konvenut ottiena minn dik il-Qorti l-ispedizzjoni tal-mandat ta' qbid kontra l-attur fil-11 ta' Diċembru, 1961, għall-bilanċ tas-somma ta' £29.0.5 għal drittijiet professjonali minnu pretiżi kontra l-attur skond taxxi lilu notifikati b'ittra uffiċjali tas-16 ta' Novembru, 1961, u premess illi in esekuzzjoni ta' dan il-mandat il-marixxall esekutur irċeva mingħand l-attur is-somma ta £31.9.7 biex tiġi minnu depositata u hemm tibqa', u premess illi l-marixxal esekutur għamel dan id-depositu b'ċedola tat-12 ta' Diċembru 1961, u premess illi l-attur ma hu debitur fl-ebda somma versu l-konvenut, talab illi (1) tiġi revokata l-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid fuq imsemmi, maħruġ minn dik il-Qorti fuq talba tal-konvenut kontra l-attur fil-11 ta' Diċembru, 1961 għar-raġuni li l-attur ma hu debitur fl-ebda somma lejn il-konvenut (2) u konsegwentement l-attur jiġi awtorizzat jiżbanka u jieħu lura l-imsemmija somma ta' £31.9.7. minn taħt l-awtorita ta' dik il-Qorti li ġiet depositata in esekuzzjoni ta' l-istess mandat ta' qbid bl-imsemmija ċedula tat-12 ta' Diċembru, 1961, fl-ismijiet

*"Marixxall* Paolo Bonnici vs. Romeo Fleri", bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet li biha l-konvenut oppona illi huwa kien ġie nkarigat jagħmel il-minuta relativa minn Dr. Edoardo Magri u minn Reverendu Padre Benigno *Camilleri* għan-nom tal-kontendenti kollha, u l-unika wieħed mill-kontendenti li sab opposizzjoni għan-nomina ta' l-eċċipjent kien in-Nutar *Nicola Said* wara li tlestiet il-minuta u l-attur qatt ma oppona ruħu li l-eċċipjenti jipprepara l-minuta relativa għat-transazzjoni tal-kawża u deċiżżjoni relativa.

Rat is-sentenza ta' dik *il-Qorti*, tas-27 ta' Ġunju li biha, bla preġudizzju ta' kull dritt li l-attur jista' għandu bħala regress kontra interessati oħrajn, it-talba tiegħu ġiet *mić-ħuda bl-ispejjeż* kontra tiegħu wara li dik il-Qorti kkunsidrat:—

Omissis. . . . . . .

*Rat ir-risposta* tal-konvenut li wieġeb illi s-sentenza appellata hi ġusta u tistħoqq konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

M'hemmx kwistjoni illi l-konvenut għandu *jitħallas* tal-*prestazzjonijiet* professjonali li hu għamel konsistenti prinċipalment fir-redazzjoni ta' minuta ta' kuntratt ta' diviżjoni ta' assi ereditarji li kellu jsir *in* vija ta' transazzjoni ta' kawża li allura kienet pendenti quddiem il-Prim'Awla. Il-kwistjoni hi jekk il-konvenut kellux id-dritt li jeżiġi l-ħlas kollu *mingħand* l-attur.

*Il-konvenut ma jinnegax*, anzi jistqarr frankament, illi

l-inkarigu espress biex jagħmel dak ix-xogħol irċevieh mingħad Dottor Edoardo Magri li kien avukat ta' xi partijiet f'dik il-kawża u anki mingħand Patri Benigno Camilleri li kien mandatarju ta' xi parti jew partijiet oħra. Lill-attur, sa kemm dik il-minuta tlestiet, il-konvenut ma kien kellmu qatt u anqas biss kien jafu.

Il-konvenut, pero, jippretendi illi da parti ta' l-attur kien hemm il-mandat taċitu u l-ewwel Onorabbli Qorti aċċettat dik it-teżi.

Ċertament il-mandat jista jingħata anki taċitament iżda, kif jidher mid-dottrina ċitata fis-sentenza tal-Prim'Awla, konfermata minn din il-Qorti fil-kawża "Dr. Borg Grech vs. Dr. Giuseppe Attard Montalto" u riportata Vol. XL,I, 287, element essenzjali tal-mandat taċitu hi x-xjenza u l-konsapevolezza tas-suppost mandant li affari li jinteressah ġie intrapriż minn ħaddieħor: "elemento essenziale e fondamentale del mandato tacito si è . . . la scienza dello interessato che, avendo possibilita o dovere, od anche solo ragionevole interesse, di opporsi al complimento dei suoi affari, da altri intrapreso in suo nome e conto, lo tollera in silenzio, costituendo tale silenzio la base di un mandato guridicamente obbligatorio." Il-kompless tal-fatti jrid ikun tali li minn jagħmel il-ħaġa għal ħaddieħor jista jippresumi raġonevolment illi rċeva l-inkarigu minn għandu.

F'dik il-kawża ċ-ċirkostanzi, konsistenti f'fatti u atti riferibbli għall-konvenut kienu tali li, kif qalet din il-Qorti, ma setgħux iwasslu ħlief għall-konklużżjoni illi dak il-konvenut kien bl-operat tiegħu u bil-fatt li intervjena fil-kuntratt li attwalment sar, kien inkariga lil dan-nutar li jippreparà l-minuta tal-kuntratt li kien in kwistjoni.

Fil-każ preżenti, din il-Qorti wara li rriflettiet ħafna,

ma *jidhriliex illi* ġew pruvati ċirkostanzi li minnhom jista jingħad b'sikurezza illi għall-prestazzjonijiet, reżi mill-konvenut kien hemm l-inkargu taċitu da parti ta' l-attur.

**Sa kemm ix-xogħol sar** il-konvenut anqas biss jallega illi **l-attur personalment** qatt rah jew kellmu. Għad illi l-fatt li l-konvenut kien qed jipprepara u eventwalment lesta l-minuta tal-proposta transazzjoni kien jissemma fil-kawża "Fleri vs. Portelli", ma jidherx illi l-attur **personalment kien jaf** b'dak *il-fatt.*

Ċertament l-avukat ta' l-attur, Dr. Antonio Valenzia **kien** jaf kif jidher mill-verbali ċitati fis-sentenza appellata. Iżda dan ma jsostniex it-teżi tal-konvenut għal żewġ raġunijiet. L-ewwelnett il-kuntratt li tiegħu l-konvenut illesta l-minuta kellu jkun kuntratt ta' diviżżjoni **bi transazzjoni** tal-kawża ta' liċitazzjoni u l-avukat ta' l-attur f'dik il-kawża **għad** illi kif kostantement ritenut fil-ġurisprudenza għandu jitqies li kien mandatarju tiegħu għall-finijiet ta' dik il-kawża, ma satax jiftihem jew jintrabat għalih biex jittransiġi mingħajr mandat, espress u speċjali ta' l-attur. U għalkemm l-attur stess xehed illi hu kien iħalli f'idejn l-avukat tiegħu ma' jistax jiġi minn daqshekk biss argomentat illi Dr Valenzia kellu awtorizzazzjoni espressa u speċjali da parti ta' l-attur li jindaħal għall-proposti ta' transazzjoni (ara Kollez. Vol. XXXIX, II, 515).

It-tieni nett anqas jista jingħad illi kif ġraw il-fatti, l-attur, ankorke kien jaf illi l-konvenut fuq inkarigu **ta' ħaddieħor** kien qed jipprepara proġett ta' transazzjoni, kellu **l-obbligu jew interess** li jipprotesta jew jiddisdiċi dak l-inkarigu taħt piena li altrimenti jitqies illi hu stess akkonsenta taċtament għal dak l-inkarigu. Il-proposta ta' transazzjoni kienet saret minn **oħrajn** interessati fil-kawża u l-proġett kien qed *isir mill-konvenut bi* **ntiża** *u bi ftihem* mal-konsulent

legali ta' dawk l-oħrajn. Hu sata, bla ma jikkommetti ruħu vis-a-vis il-konvenut, jistenna li l-proposti jiġu formalizzati biex imbagħad jikkunsidrahom. Di fatti wara li l-minuta tlestiet diversi mill-partijiet ma għoġbithomx u t-transazzjoni, ma seħħitx.

Wara li l-kawża "Fleri vs. Portelli" spiċċat, il-konvenut jgħid li darba kellem lill-attur u semmielu il-kont ta' l-onorarju u spejjeż dovuti lilu u l-attur qallu "Naf li għadek ma tħallastx: jiena ma għandi l-ebda oġġezzjoni li nħallsek biss ġibli l-fiat mingħand l-avukat tiegħi." L-attur innega li sar dan id-diskors jew li tkellem mal-konvenut. Pero ankorke dak id-diskors sar, ma jirriżultax illi f'dik l-okkażżjoni kien jidher illi l-konvenut kien qed jippretendi mingħand l-attur il-ħlas ta' l-ammont kollu, pjuttost milli biss ta' sehmu. U fi kwalunkwe każ l-adesjoni ta' l-attur ġiet magħmula subordinata għall-parir ta' l-avukat tiegħu ċioe fi kliem ieħor, evidentement, jekk kien legalment obbligat: u kwindi l-kwistjoni tibqa' esattament fejn kienet.

Għalhekk din il-Qorti m'hiex soddisfatta illi l-attur kien obbligat għall-ħlas. Is-solidarjeta kontemplata mill-art. 82 tal-Kap. 92 għandha raġonevolment titqies limitata bejn il-partijiet li jkunu taw l-inkarigu lin-Nutar u fil-każ preżenti din il-Qorti, kif intqal mhux soddisfatta li l-attur kien wieħed minn dawk li taw l-inkariku lill-konvenut.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa l-appell ta' l-attur, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa t-talbiet ta' l-istess attur billi tirrevoka l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid, imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u konsegwentement tawtorizza lill-attur li jisbanka u jieħu lura l-ammont depositat in esekuzzjoni ta' dak il-mandat.

L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.